IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru.19 (Dsatax) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fil-Librerija tal-Kunsill nhar il-Ħamis 13 ta' Novembru, 2014, fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi<br>Mary Doris Borg<br>Antonia Buttiġieġ |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicolae Demajo |
| **Skużati:** | |
| Viċi Sindku | Neil Attard (Skużat) |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji. Kulħadd preżenti minbarra s-Sur Neil Attard li kien skużat.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija u approvati unanimament.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

   3.1 Fuq il-knis is-Sindku qal li kien hemm perjodu fejn ix-xogħol beda' jsir aħjar pero' dan l-aħħar ergajna qegħdin naqgħu lura. Għalhekk qabel niffirmaw il-kuntratt irridu nitkellmu miegħu sewwa biex itejjeb is-servizz għaliex inkella ser ikollna nibdew noħorġu d-*default notices.*

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.2 Kuntratt tal-ġbir ta' skart: Il-kuntratt tal-ġbir ta' iskart issa jista' jkompli miexi, wara li nqatet is-sentenza tal-Bord tal-Appell, PCRB favur id-deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt il-ġdid jibda' mill-1 ta' Diċembru. Irridu niffissaw data mal-Kuntrattur sabiex niffirmaw dan il-Kuntratt u nitkellmu fuq ir-responsabbiltajiet ta' dan il-kuntratt.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Triq iċ-Ċern – Is-Sindku tkellem fuq l-ittra anonima li rċevew Trasport Malta fuq id-direzzjoni tat-traffiku. Trasport Malta talbet lil Kunsill biex jagħti l-verzjoni tiegħu. Il-Kunsill qabel unanimament fuq risposta u din ir-risporta ser tintbgħat lil TM immedjatament.

Is-Sindku qal li fuq din il-problema ta' Triq iċ-Ċern li qegħdin jitilgħu trakkijiet minnha, tkellimna wkoll mar-Reġjun sabiex tiġi nstallata CCTV fil- parti ta' fuq fejn tkun immoniterjata l-ħin kollu u jinħarġu ċ-ċitazzjonijiet direttament. S'issa għadna qegħdin nistennew il-konferma fuq meta u kif ser tiġi nstallata l-camera.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati bi tlett voti favur u astenzjoni waħda tas-Sinj. Doris Borg.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Plot Triq Karmelo Ritchie – Is-Sindku qal li fi Triq Karmelo Ritchie kien tnaddaf il-Plot ta' fejn is-sub station, mill-Public Works pero' għadu nofs xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament li nerġgħu nkellmu lil Public Works sabiex jagħmlu xi *embellishment* fih bħal xi żrar u jinżergħu pjanti. Għalhekk nitkellmu ma' Robert Buhagiar jew Raymond Farrugia fuq dan ir regward.

6.2 Is-Sindku tkellem fuq it-talba ta' Sleeping Police f' Dawret ix-Xatt lejn in-naħa ta' Smart City u qal li ġie s-Sur Charles Muscat kif ukoll Charles Bianco fuq il-post u kejlu l-area pero' s'issa għadna mingħajr risposta. Apparti hekk tkellimna wkoll fuq il-possibbilta' li ssir rampa fejn il-

Bus Shelter ta' Dawret ix-Xatt kif ukoll isiru *road markings* ġodda fejn l-iskola pero' għadna mingħajr risposta. Għalhekk nibgħatu *reminder* lil Audrey Testaferrata De Noto.

6.3 Rigward il-laqgħa ma' Trasport Malta, is-sezzjoni tad-Direttorat tat-toroq, għadna qegħdin nistennew appuntament minkejja li bgħatna erba' reminders għadna mingħajr risposta. Il-persuna nkarigata hija l-Perit Edric Micallef.

6.4 Is-Sinjura Antonia Buttigieg ipproponiet li ssir bollard fil-kantuniera fejn il-knisja għaliex qegħdin jitilgħu t-trakkijiet. Il-Kunsill qabel li nagħmlu bollard waħda sabiex ma jitilgħux.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Il-Kunsill qabel li ssir l-attivita' Kulturali tal-Kunsill nhar it-3 ta' Diċembru 2014 u nieħdu lin-nies fil-Ġnien tas-Serenita' f' Santa Lucia.

7.2 Attivita' tal-Milied – Il-Kunsill qabel li nagħmlu talba li l-attivita' li għandna approvata bil-budget ta' €1,500 nagħmluha għall-Milied. F'din l-attivita' ser nagħmlu spettaklu fuq il-palk fis-sala tal-Knisja u nagħmlu bibita zgħira bit-tema tal-Milied u b'ikel tradizzjonali tal-Milied. Il- Kunsill qabel unanimament li din is-sena issir hekk sabiex il-Kunsill ma jkunx ħareġ flus mill-allokazzjoni. Ġie miftiehem li din l-attivita' ssir nhar it-23 ta' Diċembru filgħaxija. U r-residenti tax-Xghajra kollha jkunu mistiedna. Għal din is-sena din se tkun minflok dik li ssoltu issir fejn jiġu mistiedna nies li ġeneralment ikunu taw xi kontribut fix-Xgħajra jew residenti ġodda.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Vandaliżmu fil-Bandli – Is-Sur Valvo qal li kellna vandaliżmu fil-bandli pero' wara li rajna l-cameras u qbadna l-min għamel dan l-att ma reġgħax sar att ta' vandaliżmu ieħor. Il-ġebel irrangawh il-ħaddiema tal-Kunsill.

8.2 Ir-riħa tad-Drenaġġ – Is-Sindku qal li wara l-laqgħa mal-Prim Ministru dan qallu li fuq din il-problema ser isir xi ħaġa. Il-Kunsill għamel il-laqgħa mal-Pubbliku kif ukoll ħareġ l-istqarrija fuq il-gazzetti wara li kellna ħafna lmenti mingħand ir-residenti. Għalhekk il-Kunsill irid jerġa jitlob li ssir laqgħa tal-Monitoring Commitee.

IX-XGHAJRA

8.3 Korsijiet tal-Kompjuter – Is-Sur Valvo qal li ser issir sessjoni ta' lezzjonijiet tal-kompjuter fil-bidu tas-sena d-diehla mit- TCTC. Ghalhekk ser naraw kif napplikaw sabiex inkunu elegibbli għal din is-sessjoni.

8.4 Tilqima tal-influwenza – Dawn l-injections ser jingħataw għada u nhar it-Tlieta tal-ġimgħa d-dieħla. Il-Kunsill ċempel lil kull min applika u infurmah bl-appuntament.

8.5 Il-Kunsill irċieva diversi lmenti li fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja, wara l-iskips qegħdin jarmu ħafna skart goff, eżattament wara l-ħajt tal-blokki tal-franka. Il-Kunsill qabel li naddfu dan l-iskart bil-ħaddiema tal-Kunsill u jmorru jarmuh fl-impjant tal-Wasteserv.

8.6 Is-Sindku tkellem fuq in-nuqqas ta' fondi li għandu l-Kunsill u qal li kellu laqgħa mal-Prim Ministru biex jgħina fuq din il-problema. Dan qallu li għad irridu nistennew il-Budget il-ġdid u naraw kif nistgħu nirranġaw l-allokazzjoni.

Apparti hekk is-Sindku flimkien mas-Segretarju kellhom laqgħa mal-Onor. Stefan Buontempo fejn erġajna spjegajna l-problemi li għandna u dan qalilna li ser jieħu ħsieb din il-problema u jara kif jista' jgħina.

Is-Sindku qal li mal-Onor. Stefan Buontempo ftehmna li l-fondi li kien ser jagħtina biex nagħmlu l-manutenzjoni fuq ir-railing tal-Prominade ser jagħtihomna biex nagħmlu l-fence permanenti madd-dawra tal-proġett tal-Sports Complex u Belveder.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7.30pm
Aġġornament għat-Tlieta, 16 ta' Diċembru, 2014 fis-6.00pm

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt